



2023/2184(INL)

27.9.2023

EMENDI

1 - 118

Abbozz ta' rapport
Christian Ehler
(PE751.835v01-00)

Il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika fl-UE
((2023/2184(INL)))

Emenda 1

Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 5a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra *Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2021 dwar l-Approċċ Globali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni. L-istrateġija tal-Ewropa għall-kooperazzjoni internazzjonali f'dinja li qed tinbidel***,

Or. en

Emenda 2

Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra *l-Politika tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel dwar l-indipendenza***,

Or. en

Emenda 3

Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

- **wara li kkunsidra *r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Lulju 2023 dwar il-pandemija tal-COVID-19: it-tagħlimiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet għall-futur (2022/2076(INI))***,

Emenda 4

Alex Agius Saliba, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Kunsiderazzjoni 17a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

– *wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Forum Strateġiku għall-Kooperazzjoni Xjentifika u Teknoloġika Internazzjonali,*

Emenda 5

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni²;

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija ***element essenzjali tad-demokrazija u hija*** waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Emenda 6

Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Emenda

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni ***u qed tonqos gradwalment***²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Or. en

Emenda 7

Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Emenda

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika hija waħda mill-partijiet kostitwenti tal-libertà akkademika u ***tal-integrità xjentifika u*** tinsab taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Or. en

Emenda 8
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

A. billi l-libertà tar-riċerka xjentifika ***hija waħda mill-partijiet*** kostitwenti tal-libertà akkademika u ***tinsab*** taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Emenda

A. billi l-libertà ***u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika ***huma l-partijiet*** kostitwenti ***ewlenin*** tal-libertà akkademika u ***jinsabu*** taħt pressjoni fl-Unjoni²;

² Studju tal-STOA: State of play of academic freedom in the EU member states: Overview of de facto trends and developments (Is-sitwazzjoni attwali tal-libertà akkademika fl-Istati Membri tal-UE: Harsa ġenerali lejn ix-xejriet u l-iżviluppi de facto)

Or. en

Emenda 9
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

AA. billi n-nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg jirrestrinġi l-libertà tar-riċerka xjentifika; billi eluf ta' riċerkaturi jaħdmu b'finanzjament tal-proġetti b'durata limitata, permezz ta' għotjiet għar-riċerka individwali jew għall-proġetti, b'kuntratti ta' impjieg għal żmien fiss jew billi jwettqu kompiti speċifiċi bħala persuni li jaħdmu għal rashom, u jkollhom nuqqas ta' sigurtà fl-impjieg u protezzjoni tal-ħaddiema;

Or. pt

Emenda 10
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Aa. *billi fi Stat Membru wieħed tal-UE, l-Ungerija, qed isir ksur de facto tal-libertà akkademika;*

Or. en

Emenda 11
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

AB. *billi l-kundizzjonijiet tax-xogħol għal dawk fis-settur tax-xjenza, kemm jekk għar-riċerkaturi jew jekk għall-persunal tal-appoġġ għar-riċerka teknika, marru lura bid-deterjorazzjoni tas-sigurtà fl-impjieg li b'mod partikolari taffettwa lir-riċerkaturi;*

Or. pt

Emenda 12
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ab. *billi r-restrizzjonijiet għal-libertà akkademika jirriżultaw f'impatti negattivi għall-ekonomija tal-UE, filwaqt li jxekklu l-innovazzjoni, jitfgħu lura l-progress xjentifiku, u jnaqqsu l-kompetittività*

Emenda 13

Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ac. billi t-tnaqqis tal-libertà akkademika jikkontribwixxi għall-eżodu ta' mħuħ tal-aqwa riċerkaturi, l-awtoċensura fost l-akkademiċi, inqas analiżi kritika dwar kwistjonijiet soċjali u politiċi, inqas kollaborazzjoni interdixxiplinarja, inqas diskors pubbliku u dibattitu;

Or. en

Emenda 14

Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa Ac (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ac. billi d-drittijiet tax-xogħol fil-Karta Ewropea għar-Riċerkaturi u l-Kodiċi ta' Kondotta għar-Reklutaġġ tar-Riċerkaturi jridu jiġu infurzati;

Or. pt

Emenda 15

Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn tinkludi definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif ukoll rikonoxximent tar-responsabbiltajiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jippromwovu l-libertà **tar-riċerka xjentifika**;

Emenda

C. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn tinkludi definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika, **filwaqt li tesprimi referenza għall-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-integrità u l-indipendenza tagħha**, kif ukoll rikonoxximent tar-responsabbiltajiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jippromwovu l-libertà, **l-integrità u l-indipendenza**;

Or. en

Emenda 16
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

C. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn tinkludi definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif ukoll rikonoxximent tar-responsabbiltajiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jippromwovu l-libertà tar-riċerka xjentifika;

Emenda

C. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn **dwar il-Libertà tar-Riċerka Xjentifika** tinkludi definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif ukoll rikonoxximent tar-responsabbiltajiet kemm għall-gvernijiet kif ukoll għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka li jippromwovu l-libertà tar-riċerka xjentifika;

Or. en

Emenda 17
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Ca. billi d-difiża tal-libertà tar-riċerka xjentifika tiżgura li r-riċerka xjentifika sservi l-interess pubbliku u tikkontribwixxi għall-iżvilupp u

Emenda

kundizzjonijiet ta' għajxien imtejbin għan-nies;

Or. pt

Emenda 18
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ca (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Ca. billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn hija nieqsa minn strumenti ta' implimentazzjoni fil-livell Ewropew;

Or. en

Emenda 19
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Da (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Da. Billi d-Dikjarazzjoni ta' Bonn tinkludi fid-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika d-dritt għal dibattitu kritiku, il-protezzjoni ta' pluralità ta' vuċijiet, "id-dritt li jiġu definiti liberament kwistjonijiet ta' riċerka, li jintgħażlu u jiġu żviluppati t-teoriji, li jinġabar materjal empiriku u jintużaw metodi tajbin ta' riċerka akkademika biex jisfidaw għarfien rikonoxxut u jiġu avvanzati ideat ġodda"; "id-dritt li jikkondividu, ixerrdu u jippubblikaw ir-riżultati b'mod miftuħ, inkluż permezz ta' taħriġ u tagħlim"; "il-libertà tar-riċerkaturi li jesprimu l-fehmiet tagħhom mingħajr ma jkunu penalizzati mis-sistema li jaħdmu fiha jew mill-gvern jew miċ-ċensura jew id-diskriminazzjoni tal-gvern";

Emenda 20
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Db (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Db. *Billi l-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka essenzjalment timplika l-ħtieġa li jiġu salvagwardjati l-integrità u r-responsabbiltà tar-riċerkaturi u l-limiti etiċi għar-riċerka, permezz tal-inklużjoni ta' proċeduri trasparenti, ġusti u bbażati fuq l-eċċellenza għall-progress akkademiku u l-allokazzjoni kompetittiva ta' finanzjament, inkluż bil-ħolqien ta' regoli, inċentivi u mekkaniżmi ta' premjijiet li jippromwovu l-indipendenza, l-integrità u t-trasparenza tar-riċerka, kif ukoll l-għoti ta' appoġġ u gwida għall-iżvilupp professjonali tar-riċerkaturi;*

Emenda 21
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa F

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

F. billi atti leġislattivi speċifiċi tal-Unjoni, ***bħar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³***, jillimitaw il-libertà tar-riċerka xjentifika billi jissottomettu s-settur akkademiku għal reġimi ***mfassla*** biex jirregolaw is-suq intern;

F. billi atti leġislattivi speċifiċi tal-Unjoni jillimitaw il-libertà tar-riċerka xjentifika billi jissottomettu s-settur akkademiku għal reġimi ***primarjament imfassla*** biex jirregolaw is-suq intern;

³ ***Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19***

ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).

Or. en

Emenda 22
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***Fa.** Billi kwalunkwe restrizzjoni fuq il-libertà tar-riċerka xjentifika trid tkun kompatibbli man-natura u l-impatt possibbli tagħha, b'valutazzjoni bir-reqqa ta' kwalunkwe riskju, filwaqt li jiġu rispettati l-proċeduri tal-istat tad-dritt, u billi l-eżerċizzju tal-libertà tar-riċerka xjentifika tax-xjenzjati jrid iqis id-drittijiet tal-komunità, b'mod partikolari drittijiet tal-bniedem fundamentali;*

Or. en

Emenda 23
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

***Fb.** Billi r-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew 2022/2076 titlob għal aktar investiment fl-attivitajiet ta' riċerka u żvilupp orjentat lejn l-indirizzar tal-oġettivi ta' interess pubbliku (Artikolu 296) u "jistieden lill-Kummissjoni tuża l-istrateġiji industrijali, tal-PI u tal-farmaċewtika biex tħeġġeġ il-finanzjament pubbliku ta' proġetti ta' riċerka u żvilupp sabiex taderixxi mal-*

prinċipju ta' xjenza miftuħa, u jitnaqqas id-distakk persistenti fir-riċerka u fil-produzzjoni tal-mediċini permezz ta' sħubijiet għall-iżvilupp tal-prodotti, trasferiment tat-teknoloġija u l-ħolqien ta' ċentri miftuħa għar-riċerka” (Artikolu 590);

Or. en

Emenda 24
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Fc (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Fc. Billi, skont l-opinjoni mifruxa fil-komunità xjentifika internazzjonali wara li diversi studji bejn il-pari wrew dan, il-pandemija tal-COVID-19 probabbilment oriġinat minn tnixxija tal-virus Sars-Cov2 fil-laboratorju, ta' natura sintetika, miksuba permezz ta' riċerka funzjonali, li juri biċ-ċar il-periklu enormi ta' din it-tip ta' riċerka, għal skopijiet militari/ta' gwerra, li diġà ġiet ipprojbata f'diversi pajjiżi preċiżament minħabba r-riskji inaċċettabbli għas-saħħa pubblika f'każ ta' inċident;

Or. en

Emenda 25
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

-1. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni li tħares id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-

kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà akkademika kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-arti kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; jemmen li x-xjenza libera u miftuħa fl-oqsma kollha tar-riċerka hija essenzjali biex tiproteġi l-valuri demokratiċi Ewropej tagħna;

Or. en

Emenda 26
Henna Virkkunen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-Unjoni;

Emenda

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-Unjoni. *Jissottolinja li fil-kompetizzjoni globali ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni, il-libertà tar-riċerka akkademika hija prerekwiżit biex tattira t-talent u tinkoraġġixxi ideat kompetittivi ġodda;*

Or. en

Emenda 27
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika *fil-promozzjoni* tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-Unjoni;

Emenda

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika *fl-avvanz tal-għarfien tagħna ta' fenomeni naturali u soċjali, li b'hekk tikkontribwixxi għall-promozzjoni* tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-

Unjoni *u jfakkar li l-libertà tar-riċerka xjentifika hija dritt universali u ġid pubbliku, li għandha tiġi applikata għad-dixxiplini xjentifiċi kollha;*

Or. en

Emenda 28
Ladislav Ilčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress *u l-benesseri fl-Unjoni;*

Emenda

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress *soċjetali, u t-titjib tal-benesseri ġenerali taċ-ċittadini fi ħdan l-Unjoni kif ukoll dawk barra mill-Unjoni;*

Or. en

Emenda 29
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-Unjoni;

Emenda

1. Jirrikonoxxi l-importanza fundamentali tal-libertà, *l-integrità u l-indipendenza* tar-riċerka xjentifika fil-promozzjoni tal-innovazzjoni, il-progress u l-benesseri fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 30
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. *Jirrikonoxxi li ma jista' jkun hemm l-ebda libertà vera tal-produzzjoni u l-ħolqien xjentifiku u intellettuali jekk tippersisti l-prekarjetà fis-settur; jiddefendi d-drittijiet tax-xogħol tar-riċerkaturi u l-ħaddiema xjentifiċi, it-titjib tal-karrieri tagħhom, kuntratti ta' impjieg stabbli u aċċess għas-sigurtà soċjali bi protezzjoni garantita ta' mard, maternità, qgħad u rtirar;*

Or. pt

**Emenda 31
Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. *Jirrikonoxxi, skont id-Dikjarazzjoni ta' Bonn, li l-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser il-ftuħ, l-iskambju, l-eċċellenza, l-internazzjonalizmu, id-diversità, l-ugwaljanza, l-integrità, il-kurżità, ir-responsabbiltà u r-riflessività. Hija għalhekk pilastru ta' kwalunkwe demokrazija;*

Or. en

**Emenda 32
Mikuláš Peksa**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1a. Jistma li l-libertà tar-riċerka xjentifika trid tiġi mar-responsabbiltà li jiġu rispettati l-ogħla standards etiċi u l-integrità fir-riċerka xjentifika, u flimkien mal-obbligu li titwettaq riċerka xjentifika abbażi tax-Xjenza Miftuħa;

Or. en

Emenda 33
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Jenfasizza r-rwol deċiżiv ta' qafas ta' abilitazzjoni li hu mfassal b'mod adegwat u implimentat tajjeb biex jipproteġi u jippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika b'mod effettiv madwar l-Unjoni, filwaqt li jqis l-appoġġ pubbliku disponibbli biex jiffaċilita l-produzzjoni, il-kondiviżjoni u t-tixrid tal-għarfien, bħala ġid pubbliku għas-soċjetà tagħna, u biex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' interferenza jew imminar tal-indipendenza tar-riċerka xjentifika minn partijiet terzi li tippromwovi interessi privati jew interessi inkompatibbli mal-valuri Ewropej tagħna;

Or. en

Emenda 34
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Huwa favur li jintemmu statuti u sistemi bbażati fuq l-għotjiet għar-riċerka,

bħall-Istatut dwar l-Għotja għar-Riċerka fil-Portugall, li jippermettu lill-ħaddiema jkunu, b'mod mhux diskriminatorju, dipendenti fuq l-għotjiet għar-riċerka, sitwazzjoni li mhijiex kompatibbli mal-promozzjoni tal-ħidma xjentifika; jitlob li l-ħaddiema xjentifiċi jkunu garantiti d-dritt għal kuntratt ta' impjeg stabbli u aċċess għas-sigurtà soċjali;

Or. pt

Emenda 35
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1b. Jieħu nota tad-definizzjoni tal-libertà xjentifika skont il-punt 2 tal-Anness II tal-proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa;

Or. en

Emenda 36
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1c. Jinsisti fuq ir-rilevanza ta' għarfien miftuħ biex tiġi żgurata l-libertà tar-riċerka xjentifika; jitlob għall-ħolqien effiċjenti u trasparenti tal-għarfien mingħajr ostakli artiċċjali li jfjixklu l-aċċess għall-informazzjoni u d-

disseminazzjoni tagħha; jistma li l-kondiviżjoni tar-riżultati tar-riċerka xjentifika għal skopijiet mhux kummerċjali trid tiġi protetta mil-liġi Ewropea u promossa b'mod attiv; jisħaq li riżultati xjentifiċi ffinanzjati mill-pubbliku għandhom jiġu ppubblikati f'ġurnali akkademiċi b'aċċess miftuħ u riżultati għandhom ikunu aċċessibbli għal kulħadd b'mod faċilment aċċessibbli;

Or. en

Emenda 37
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1c. Jinnota li huma wkoll il-korpi manġerjali tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja li jistabbilixxu l-prijoritajiet tar-riċerka xjentifika ta' dawg l-istituzzjonijiet; jirrikonoxxi li d-degradazzjoni tad-demokrazija fl-akkademja, li kulma jmur qed tiżdied, hija wkoll fattur fl-attakk fuq il-libertà akkademika u tar-riċerka;

Or. pt

Emenda 38
Mikuláš Peksa
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

1d. Jissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' finanzjament Ewropew għall-iżvilupp ta' għodod diġitali bla ħlas b'sors miftuħ biex jgħinu lir-riċerkaturi jaċċessaw, jużaw u

Or. en

Emenda 39
Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress reċenti ta' dan id-dritt fundamentali fl-Unjoni, **peress li dan** jhedded li jimmina l-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li tiffunzjona tajjeb u tkun kompetittiva;

Emenda

2. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress reċenti ta' dan id-dritt fundamentali fl-Unjoni, **li huwa essenzjali għal-libertà politika u l-parteċipazzjoni soċjali u** jhedded li jimmina l-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li tiffunzjona tajjeb u tkun kompetittiva;

Or. en

Emenda 40
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress reċenti ta' **dan id-dritt** fundamentali fl-Unjoni, peress li dan jhedded li jimmina l-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li tiffunzjona tajjeb u tkun kompetittiva;

Emenda

2. Jinsab imħasseb dwar ir-rigress reċenti ta' **dawn id-drittijiet/obbligi** fundamentali fl-Unjoni, peress li dan jhedded li jimmina l-iżvilupp ta' Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) li tiffunzjona tajjeb u tkun kompetittiva;

Or. en

Emenda 41
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020, bit-titolu "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" tikkonferma li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett sħiħ tal-libertà tar-riċerka xjentifika;

Emenda

3. Jinnota li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020, bit-titolu "ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni" tikkonferma li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett sħiħ tal-libertà tar-riċerka xjentifika, **li tinkludi n-nuqqas ta' interferenza fl-aġendi tar-riċerka, l-awtonomija istituzzjonali, u l-finanzjament adegwat, iżda mhijiex limitata għalihom**;

Or. en

Emenda 42
Mikuláš Peksa

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. **Jinsab imħasseb ħafna** li l-Kummissjoni, minkejja l-kliem iebes tagħha fil-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER, qed tonqos milli tuża l-awtorità legali tagħha biex tippoteġi din il-libertà fl-Unjoni;

Emenda

4. **Iqis** li l-Kummissjoni, minkejja l-kliem iebes tagħha fil-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER, qed tonqos milli tuża l-awtorità legali tagħha biex tippoteġi din il-libertà fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 43
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Jinsab imħasseb ħafna li l-Kummissjoni, minkejja l-kliem iebes

Emenda

4. Jinsab imħasseb ħafna li l-Kummissjoni, minkejja l-kliem iebes

tagħha fil-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER, qed tonqos milli tuża l-awtorità legali tagħha biex tippoteġi *din il-libertà* fl-Unjoni;

tagħha fil-Komunikazzjoni dwar iż-ŻER, qed tonqos milli tuża l-awtorità legali tagħha biex tippoteġi *dawn id-drittijiet u l-libertà* fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 44 **Johan Nissinen**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 5**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni li tħares id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà akkademika kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-arti kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Emenda

5. Jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Unjoni li tħares id-drittijiet fundamentali, inkluż id-dritt għal-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon, il-libertà akkademika kif ukoll il-libertà tar-riċerka xjentifika u l-arti kif minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; ***Jinsab imħasseb ħafna dwar il-fatt li l-libertà tar-riċerka u t-tagħlim kulma jmur qed titqiegħed taħt riżerva morali u politika minn limiti ideoloġiċi mhux xjentifiċi minflok limiti tal-liġi applikabbli;***

Or. en

Emenda 45 **Francesca Donato**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 6**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali;

Emenda

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt

fundamentali, *b'mod partikolari:*

a) tagħmel obbligatorju l-wiri sħiħ, dettaljat u aġġornat ta' min akkwista u min ifffinanzja t-tipi kollha ta' riċerka xjentifika mwettqa u ppubblikata jew inkella mxerrda fil-komunità xjentifika, billi jissemmew il-kunflitti ta' interess rilevanti fi kwalunkwe okkażjoni ta' stqarrijiet jew kummenti li jsiru pubblikament, permezz ta' kull stazzjon tal-media;

b) tinkludi fi kwalunkwe aġenzija jew istituzzjoni pubblika attiva fil-qasam tar-riċerka xjentifika, il-mediċina jew dixxiplini xjentifiċi oħrajn, mudelli ta' trasparenza li diġà huma adottati minn aġenziji bħall-EFSA għall-immaniġġjar tal-kunflitti ta' interess;

c) tintroduċi projbizzjoni għar-riċerkaturi xjentifiċi jew għall-uffiċjali, l-amministraturi jew il-manigġers anzjani ta' ċentri ta' riċerka li jieħdu pożizzjonijiet jew pożizzjonijiet f'kumpaniji pubbliċi jew privati jew f'istituzzjonijiet fis-settur li fih wettqu xogħolhom, b'sanzjonijiet xierqa f'każ ta' ksur;

d) tintroduċi projbizzjoni fuq istituzzjonijiet pubbliċi jew privati li joperaw fl-oqsma xjentifiċi, mediċi jew ta' riċerka, milli jirreklutaw lill-persunal tagħhom jew, fi kwalunkwe avveniment, milli jirreklutaw eks impjegati, konsulenti jew kollaboraturi ta' kumpaniji privati li joperaw jew ikollhom interess f'dawn l-oqsma fi żmien ħames snin minn tmiem il-proġett ta' riċerka;

e) tintroduċi projbizzjoni fl-Istati Membri dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura li għandha l-iskop jew l-effett li tiddiskrimina, tneħħi jew timmarġinalizza mid-dibattitu xjentifiku lil dawk li jappoġġjaw teoriji jew li jwettqu studji bil-għan li jqajmu dubji dwar għarfien rikonoxxut u li javvanzaw ideat ġodda, waqt l-avvenimenti kollha li jippromwovur-riċerka miftuħa, id-dibattitu inklużiv u ċ-ċaħda ħielsa tal-fehmiet prevalenti mill-

membri kollha tal-komunità xjentifika, mingħajr eċċezzjoni;

f) tiddefinixxi b'mod sħiħ u ċar u ssaħħaħ ir-responsabbiltà tar-riċerkaturi u l-limiti etiċi għar-riċerka, li jikkonsistu fir-rispett mandatorju lejn il-ħajja umana u s-saħħa u d-drittijiet tal-bniedem kif minquxa fil-KEDB u l-prinċipju prekawzjonarju;

g) tafferma projbizzjoni assoluta fuq it-twerttiq ta' riċerka bi profitt fil-laboratorji kollha li jinsabu fl-UE, għal kwalunkwe skop jew raġuni, filwaqt li tagħmel tali riċerka reat kriminali kontra l-umanità u tippromwovi l-introduzzjoni tal-istess projbizzjoni fil-pajjiżi terzi kollha li l-UE għandha relazzjonijiet magħhom;

Or. en

Emenda 46 Johan Nissinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tipproteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali;

Emenda

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieħu l-passi kollha meħtieġa biex tipproteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali. *Jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi u tiffinanzja b'mod attiv il-pluraliżmu xjentifiku, sabiex l-istudjużi kollha jkunu jistgħu jsegwu l-interessi epistemoloġiċi tagħhom ħielsa mit-tħassib dwar id-diskreditu morali, l-esklużjoni soċjali jew l-iżvantaġġ professjonali;*

Or. en

Emenda 47 Henna Virkkunen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieġu l-passi kollha meħtieġa biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali;

Emenda

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieġu l-passi kollha meħtieġa biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni ***u tiżgura li l-etika u l-integrità tar-riċerka ma jkunux kompromessi***, inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali.

Or. en

Emenda 48
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieġu l-passi kollha ***meħtieġa*** biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni, ***inkluż billi tuża l-awtorità legali tagħha biex*** tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali;

Emenda

6. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tieġu l-passi kollha ***fis-setgħa tagħha*** biex tippoteġi u tippromwovi l-libertà tar-riċerka xjentifika fl-Unjoni ***u*** tipprevjeni kwalunkwe rigress ulterjuri fir-rigward ta' dan id-dritt fundamentali;

Or. pt

Emenda 49
Johan Nissinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-

Emenda

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-

riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika;

riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika. ***Iqisha ta' importanza vitali li jappoġġja pubblikament li-xjenzjati kollha li jiffaċċjaw attacki fuq il-libertà akkademika tagħhom, sabiex jiddefendi u jsaħħaħ il-kundizzjonijiet għar-riċerka ħielsa u għat-tagħlim fl-universitajiet;***

Or. en

Emenda 50 **Ivars Ijabs**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 7**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika;

Emenda

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ***(bħas-sigurtà nazzjonali, is-sikurezza pubblika, u s-saħħa pubblika)*** ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika;

Or. en

Emenda 51 **Francesca Donato**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Paragrafu 7**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ma tirrestrinġix bla bżonn ***il-libertà tar-riċerka xjentifika;***

Emenda

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f'isem l-interess pubbliku ma tirrestrinġix bla bżonn ***dawn l-aspetti;***

Emenda 52
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f' isem l-interess **pubbliku** ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika;

Emenda

7. Jistieden lill-Istati Membri jirrispettaw u jħarsu bis-sħiħ il-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżguraw li kwalunkwe miżura meħuda f' isem l-interess **privat** ma tirrestrinġix bla bżonn il-libertà tar-riċerka xjentifika;

Or. pt

Emenda 53
Mikuláš Peksa
f' isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Jenfasizza li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett **sħiħ** tal-libertà tar-riċerka xjentifika, **u** li kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata jew tonqos milli tiġi promossa b' mod attiv din il-libertà **se** jkollu **konsegwenzi negattivi** fuq l-iżvilupp ta' ŻER kompetittiva u innovattiva;

Emenda

8. Jenfasizza li t-tlestija taż-ŻER tirrikjedi r-rispett **dovut u l-promozzjoni attiva** tal-libertà tar-riċerka xjentifika **madwar l-Unjoni, u jemma** li kwalunkwe tentattiv biex tiġi mminata jew tonqos milli tiġi promossa b' mod attiv din il-libertà jkollu **impatt negattiv** fuq l-iżvilupp ta' ŻER kompetittiva u innovattiva;

Or. en

Emenda 54
Sandra Pereira

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

9. **Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex tirrorimedja dik is-sitwazzjoni;**

imħassar

Or. pt

**Emenda 55
Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9**

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex tirrorimedja dik is-sitwazzjoni;

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex tirrorimedja dik is-sitwazzjoni, ***permezz tal-azzjonijiet deskritti f'din il-proposta;***

Or. en

**Emenda 56
Ivars Ijabs**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9**

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha ***skont it-Trattati tal-UE*** biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka

din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex turrimedja dik is-sitwazzjoni;

xjentifika **bħala wieħed mid-drittijiet fundamentali taċ-ċittadini tal-UE** filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex turrimedja dik is-sitwazzjoni;

Or. en

Emenda 57

Mikuláš Peksa

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex turrimedja dik is-sitwazzjoni;

Emenda

9. Jesprimi t-tħassib tiegħu fir-rigward tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tuża l-awtorità legali tagħha biex tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika filwaqt li jqis li din hija abdikazzjoni serja tar-responsabbiltà tagħha **biex tħares l-Istat tad-Dritt fl-Unjoni**, u jistieden lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni immedjata biex turrimedja dik is-sitwazzjoni;

Or. en

Emenda 58

Mikuláš Peksa

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jappoġġja l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżgura li dan id-dritt fundamentali jiġi rispettatt **bis-sħiħ** fl-Istati Membri kollha;

Emenda

10. Jistieden lill-Kunsill Ewropew jappoġġja l-protezzjoni u l-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika, u jiżgura li dan id-dritt fundamentali jiġi rispettatt **kif xieraq** fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 59
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. *Jitlob għar-rikonoxximent tal-ħtieġa li jiġu mobilizzati fondi pubbliċi addizzjonali sabiex jiffinanzjaw riċerka xjentifika indipendenti, filwaqt li jevitaw interferenza privata li tista' timmotiva l-iskopijiet tagħha jew tinfluwenza l-metodi jew ir-riżultati tagħha;*

Or. en

Emenda 60
Ivars Ijabs

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. *Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-għarfien pubbliku tal-importanza tal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-edukazzjoni, is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku, u l-appoġġ għall-ġurnaliżmu xjentifiku;*

Or. en

Emenda 61
Mikuláš Peksa
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

11. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 182(5), flimkien mal-Artikolu 179(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika, abbażi tal-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument;

11. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 182(5), flimkien mal-Artikolu 179(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika, abbażi tal-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument **biex tiggarrantixxi, tipproteġi u tippromwovi din il-libertà fil-livell tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka u tar-riċerkaturi matul il-karriera kollha tagħhom**;

Or. en

Emenda 62 Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 182(5), flimkien mal-Artikolu 179(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika, abbażi tal-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument;

Emenda

11. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 182(5), flimkien mal-Artikolu 179(1), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, proposta għal att dwar il-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika, abbażi tal-prinċipji u l-għanijiet stabbiliti fl-Anness għal dan id-dokument;

Or. en

Emenda 63 Johan Nissinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. Jilqa' r-riammissjoni tar-Renju Unit fil-programm Orizzont ta' riċerka tal-UE . Madankollu, jiddispijaċih li l-UE għadha qed tagħmel l-assoċjazzjoni sħiħa

tal-Iżvizzera għal Orizzont Ewropa dipendenti fuq il-progress li jsir fin-negożjati istituzzjonali. Jinsab imħasseb dwar l-istrateġija tal-Kummissjoni li tuża l-kooperazzjoni fir-riċerka bħala mezz ta' pressjoni politika, b'hekk ma tagħmilx ħsara biss lir-riċerka Ewropea b'mod ġenerali, iżda turriskja wkoll il-kredibbiltà tagħha stess li tkun ħolqot reġjun ta' riċerka xjentifika mhux politiku u ħieles;

Or. en

Emenda 64
Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

1. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija parti kostitwenti tal-libertà akkademika fl-Ewropa, filwaqt li għandha wkoll valur indipendenti, kif muri mir-referenza speċifika fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Emenda

1. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija parti kostitwenti tal-libertà akkademika **u l-integrità xjentifika** fl-Ewropa, filwaqt li għandha wkoll valur indipendenti, kif muri mir-referenza speċifika fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 65
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

2. Il-libertà tar-riċerka xjentifika tipprovdi drittijiet għar-riċerkaturi xjentifiċi individwali, drittijiet u obbligi għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika, u obbligi għall-awtoritajiet pubbliċi.

Emenda

2. Il-libertà tar-riċerka xjentifika tipprovdi drittijiet **- obbligi għal dawk li jaħdmu fi ħdan korpi pubbliċi** - għar-riċerkaturi xjentifiċi individwali, drittijiet u obbligi għall-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika, u obbligi għall-awtoritajiet pubbliċi.

Emenda 66
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Il-proposta għandha tibni fuq id-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn.

Emenda

3. Il-proposta għandha tibni fuq id-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn, **li tinkludi fid-definizzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika d-dritt għal dibattitu kritiku, il-protezzjoni ta' pluralità ta' vuċijiet, "id-dritt li jiġu definiti liberament kwistjonijiet ta' riċerka, li jintgħażlu u jiġu żviluppati t-teoriji, li jinġabar materjal empiriku u jintużaw metodi tajbin ta' riċerka akkademika biex jisfidaw għarfien rikonossut u jiġu avvanzati ideat ġodda"; "id-dritt li jikkondividu, ixerrdu u jippubblikaw ir-riżultati b'mod miġfuh, inkluż permezz ta' taħriġ u tagħlim"; "il-libertà tar-riċerkaturi li jesprimu l-fehmiet tagħhom mingħajr ma jkunu penalizzati mis-sistema li jaħdmu fiha jew mill-gvern jew miċ-ċensura jew id-diskriminazzjoni tal-gvern"**.

Emenda 67
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

3. Il-proposta għandha tibni fuq id-definizzjoni tal-libertà **tar-riċerka** xjentifika kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn.

Emenda

3. Il-proposta għandha tibni fuq id-definizzjoni tal-libertà xjentifika kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Bonn **u skont il-punt 2 tal-Anness II tal-proposta għal**

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa.

Or. en

Emenda 68
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b'mod wiesa' f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan ma għandux jiġi estiż għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f'ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax, ***bħar-riċerka xjentifika għal kumpanija privata, bi skop ta' qligħ meta tali riċerka titwettaq biex il-kumpanija tingħata vantaġġ kompetittiv leġittimu meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.***

Emenda

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b'mod wiesa' f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa^{1a}. Dan ma għandux jiġi estiż għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f'ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax. ***F'ċirkostanzi speċifiċi, b'mod partikolari għal riċerka mwettqa f'i ħdan is-settur privat, il-libertà tar-riċerka xjentifika trid tkun ibbilanċjata bir-reqqa ma' interessi leġittimi oħra, bħall-ksib tal-vantaġġi kompetittivi leġittimi.***

^{1a} *Proposta mressqa mill-Kummissjoni fit-13 ta' Lulju 2023.*

Or. en

Emenda 69
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b' mod wiesa' f' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan ma għandux jiġi estiż għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f' ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax, bħar-riċerka xjentifika għal **kumpanija** privata, **bi skop ta' qligħ** meta tali riċerka titwettaq biex il-kumpanija tingħata vantaġġ kompetittiv leġittimu meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

Emenda

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b' mod wiesa' f' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan ma għandux jiġi estiż għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f' ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax, bħar-riċerka xjentifika għal **impriża** privata **għal profitt dirett jew indirett**, meta tali riċerka titwettaq biex il-kumpanija tingħata vantaġġ kompetittiv leġittimu meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

Or. en

Emenda 70

Alex Agius Saliba, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b' mod wiesa' f' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan **ma għandux** jiġi estiż għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f' ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax, bħar-riċerka xjentifika għal kumpanija privata, bi skop ta' qligħ meta tali riċerka titwettaq biex il-kumpanija tingħata vantaġġ kompetittiv leġittimu meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

Emenda

4. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu definiti b' mod wiesa' f' konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma dawk li għandhom talent fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa. Dan **għandu** jiġi estiż **fuq bażi volontarja** għar-riċerkaturi li jkunu qed iwettqu riċerka f' ċirkostanzi fejn ikun evidenti li l-libertà tar-riċerka xjentifika ma tapplikax, bħar-riċerka xjentifika għal kumpanija privata, bi skop ta' qligħ meta tali riċerka titwettaq biex il-kumpanija tingħata vantaġġ kompetittiv leġittimu meta mqabbla mal-kompetituri tagħha.

Or. en

Emenda 71

Mikuláš Peksa

Ħ isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, **li** jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat u li jipproponu ideat u teoriji ġodda;

Emenda

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija d-dritt tar-riċerkaturi individwali li ***jxerrdu r-riżultati tagħhom***, jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, ***jagħżlu u jiżviluppaw teoriji, jiġbru materjal empiriku, u*** jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat u li jipproponu ideat u teoriji ġodda;

Or. en

Emenda 72

Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, li jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat u li jipproponu ideat u teoriji ġodda;

Emenda

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika hija d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, li jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li ***jżommu l-integrità xjentifika, li*** jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat, ***li jippubblikaw u jikkomunikaw liberament***, u li jipproponu ideat u teoriji ġodda.

Or. en

Emenda 73

Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika **hija** d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, li jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat u li jipproponu ideat u teoriji ġodda;

Emenda

5. Il-libertà tar-riċerka xjentifika **tinvolvi** d-dritt tar-riċerkaturi individwali li jiddefinixxu liberament il-kwistjonijiet ta' riċerka, li jużaw metodi tajbin ta' riċerka xjentifika, li jikkontestaw dak li huwa komunement aċċettat u li jipproponu ideat u teoriji ġodda.

Or. en

Emenda 74
Henna Virkkunen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(b) id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, pubblika jew privata, meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni;

Emenda

(b) id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, pubblika jew privata, meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni, **filwaqt li jirrispetta l-prattiki differenti fis-seħħ fi Stati Membri differenti**;

Or. en

Emenda 75
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(b) id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, pubblika jew privata, meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni;

Emenda

(b) id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, pubblika jew privata, meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni **u n-natura/sensittività tal-informazzjoni**;

Emenda 76

Mikuláš Peksa

f' isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 6 – punt b

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(b) id-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni, **pubblika jew** privata, meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni;

Emenda

(b) id-dritt **li tiġi aċċessata informazzjoni pubblika liberament, u d-dritt** ta' aċċess għall-informazzjoni privata meħtieġa għal skopijiet xjentifiċi, li għandu jkun ibbilanċjat mad-drittijiet tad-detenturi tal-informazzjoni;

Emenda 77

Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 6 – punt d

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(d) id-dritt li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ, kemm internament kif ukoll esternament, ir-riżultati u d-data tar-riċerka tagħhom.

Emenda

(d) id-dritt li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ, kemm internament kif ukoll esternament, ir-riżultati u d-data tar-riċerka tagħhom, **mingħajr ma jġarrbu miżuri dixxiplinarji, ċensura, diskriminazzjoni jew pressjoni ta' kwalunkwe tip biex jiskreditawhom jew jirrestrinġu l-libertà, l-integrità u l-indipendenza ta' kwalunkwe riċerkatur individwali.**

Emenda 78

Pernille Weiss

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt d**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

(d) id-dritt li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ, kemm internament kif ukoll esternament, ***ir-riżultati*** u d-data tar-riċerka tagħhom.

Emenda

(d) id-dritt li jippubblikaw, jikkondividu, ixerrdu u jikkomunikaw b'mod miftuħ, kemm internament kif ukoll esternament, ***id-dritt li jikkellmu liberament dwar il-ħidma u l-politika tal-istituzzjonijiet ta' riċerka u r-riżultati*** u d-data tar-riċerka tagħhom.

Or. en

**Emenda 79
Ladislav Ilčić**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt d (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

**Emenda 80
Francesca Donato**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt da (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(da) id-dritt li jesprimu u jippubblikaw fehmiet, anke dawk li jistgħu jitqiesu bħala kontroversjali, dwar suġġetti bħall-ġeneru, il-klima, il-migrazzjoni, u kwistjonijiet sinifikanti oħra tas-soċjetà, filwaqt li jħarsu l-prinċipji tal-libertà u r-responsabbiltà akkademika.

Or. en

integrità u indipendenza.

Or. en

Emenda 81
Ladislav Ilčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 6 – punt db (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

(db) id-dritt li jeżerçitaw oġġezzjoni tal-kuxjenza u jevitaw milli jinvolvu ruħhom f'attivitajiet jew eżerçizzji tar-riċerka speċifiċi li jkunu f'kunflitt mat-twemmin jew il-valuri personali tagħhom.

Or. en

Emenda 82
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija. ***L-eżerçizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritt bil-liġi u kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, biex jiġu evitati d-diżordni jew il-kriminalità, biex tiġi protetta s-saħħa jew il-moralità, biex jiġu protetti r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew biex jinżammu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.***

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija.

L-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jgħib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritt bil-liġi u kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, biex jiġu evitati d-diżordni jew il-kriminalità, biex tiġi protetta s-saħħa jew il-moralità, biex jiġu protetti r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew biex jinżammu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

Biex jiġi żgurat li kwalunkwe tali formalità, kundizzjoni, restrizzjoni jew penali stabbilita mil-liġi ma tintużax b'mod ħażin biex tiġi limitata b'mod mhux xieraq it-tgawdija ta' dawn id-drittijiet, il-formalitajiet, il-kundizzjonijiet, ir-restrizzjonijiet jew il-penali stabbiliti mil-liġi jridu jkunu soġġetti biex jiġu sfidati skont in-neċessità u l-imparzjalità tagħhom fi proċedimenti legali indipendenti.

Or. en

Emenda 83 Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Anness I – punt 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija. L-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jgħib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritt bil-liġi u kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà

Emenda

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija. ***Is-sigurtà fl-impjeg, il-mandat u l-istabbiltà tax-xogħol għandhom jiġu rispettati u appoġġjati.*** L-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jgħib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet,

nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, biex jiġu evitati d-diżordni jew il-kriminalità, biex tiġi protetta s-saħħa jew il-moralità, biex jiġu protetti r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew biex jinżammu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

restrizzjonijiet jew penali kif preskritt bil-liġi u kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, biex jiġu evitati d-diżordni jew il-kriminalità, biex tiġi protetta s-saħħa jew il-moralità, ***għall-parteċipazzjoni fil-proċessi demokratiċi tat-teħid ta' deċiżjonijiet***, biex jiġu protetti r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew biex jinżammu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.

Or. en

Emenda 84 **Francesca Donato**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Anness I – punt 7**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija. L-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jgħib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif preskritt bil-liġi ***u kif meħtieġ f'soċjetà demokratika, fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, l-integrità territorjali jew is-sikurezza pubblika, biex jiġu evitati d-diżordni jew il-kriminalità, biex tiġi protetta s-saħħa jew il-moralità, biex jiġu protetti r-reputazzjoni jew id-drittijiet ta' ħaddieħor, biex jiġi evitat il-kxif ta' informazzjoni riċevuta b'mod kunfidenzjali, jew biex jinżammu l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura.***

Emenda

7. Ir-riċerkaturi individwali għandhom ikunu jistgħu jgawdu dawn id-drittijiet individwali mingħajr biża' ta' tpattija. L-eżerċizzju ta' dawk il-libertajiet, peress li jgħib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, jista' jkun suġġett għal tali formalitajiet, kundizzjonijiet, restrizzjonijiet jew penali kif ***espressement*** preskritt bil-liġi ***fejn huma indispensabbli u kodifikati kif xieraq, sabiex jiġu protetti s-sigurtà nazzjonali, is-saħħa, il-privatezza u l-awtorità u l-imparzjalità tal-ġudikatura. Ma għandha tiġi imposta l-ebda limitazzjoni jew restrizzjoni għal raġunijiet ideoloġiċi, politiċi jew reliġjużi, u lanqas ma għandha tikkonsisti f'miżuri li jaffettwaw id-drittijiet fundamentali tal-bniedem tal-individwi kkonċernati.***

Or. en

Emenda 85

Henna Virkkunen

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 8**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Sabiex tiġi garantita l-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom igawdu awtonomija istituzzjonali effettiva. Filwaqt li l-awtonomija istituzzjonali hija prerekwiżit għal-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, min-natura tagħha stess mhijiex subordinata għad-drittijiet tar-riċerkaturi individwali. Lil hinn mirwol tagħha li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-awtonomija istituzzjonali hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-settur xjentifiku. Għalhekk, il-proposta għandha tibbilanċja bir-reqqa d-drittijiet individwali mal-awtonomija istituzzjonali.

Emenda

8. Sabiex tiġi garantita l-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom igawdu awtonomija istituzzjonali effettiva. Filwaqt li l-awtonomija istituzzjonali hija prerekwiżit għal-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi **u għan-natura awtonoma tar-riċerka**, min-natura tagħha stess mhijiex subordinata għad-drittijiet tar-riċerkaturi individwali. Lil hinn mirwol tagħha li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-awtonomija istituzzjonali hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-settur xjentifiku. Għalhekk, il-proposta għandha tibbilanċja bir-reqqa d-drittijiet individwali mal-awtonomija istituzzjonali.

Or. en

**Emenda 86
Christian Ehler**

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 8**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

8. Sabiex tiġi garantita l-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom igawdu awtonomija istituzzjonali effettiva. Filwaqt li l-awtonomija istituzzjonali hija prerekwiżit għal-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, min-natura tagħha stess mhijiex subordinata għad-drittijiet tar-riċerkaturi individwali. Lil hinn mirwol tagħha li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-awtonomija

Emenda

8. Sabiex tiġi garantita l-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, l-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom igawdu awtonomija istituzzjonali effettiva. Filwaqt li l-awtonomija istituzzjonali hija prerekwiżit għal-libertà tar-riċerka xjentifika għar-riċerkaturi xjentifiċi, min-natura tagħha stess mhijiex subordinata għad-drittijiet tar-riċerkaturi individwali. Lil hinn mirwol tagħha li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika, l-awtonomija

istituzzjonali hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-settur xjentifiku. Għalhekk, il-proposta għandha *tibbilanċja* bir-reqqa d-drittijiet individwali mal-awtonomija istituzzjonali.

istituzzjonali hija meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-settur xjentifiku. Għalhekk, il-proposta għandha *ssib bilanċ* bir-reqqa *sabiex tarmonizza* d-drittijiet individwali mal-awtonomija istituzzjonali.

Or. en

Emenda 87

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 8 – punt a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

a) L-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika għandhom jinvolvu ruħhom f'kooperazzjoni internazzjonali biex isaħħu r-relazzjonijiet bilaterali u multilaterali sabiex jiżviluppaw aktar komponent ta' diplomazija xjentifika b'saħħtu li jindirizza l-libertà tar-riċerka xjentifika u konsegwenzi possibbli f'każ ta' ksur.

Or. en

Emenda 88
Christian Ehler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 8a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

8a. Fi ħdan il-qafas tal-awtonomija istituzzjonali tagħhom, l-organizzazzjonijiet ta' riċerka jridu jipprovdu proċeduri trasparenti, ġusti u bbażati fuq l-eċċellenza għal avvanz akkademiku u l-allokazzjoni kompetittiva ta' finanzjament.

Or. en

Emenda 89

Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

9. Aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati għall-istabbiliment tal-awtonomija istituzzjonali jinkludu l-awtonomija organizzattiva, l-awtonomija finanzjarja, l-awtonomija tal-persunal u l-awtonomija xjentifika.

Emenda

9. Aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati għall-istabbiliment tal-awtonomija istituzzjonali jinkludu l-awtonomija organizzattiva, l-awtonomija **u t-trasparenza** finanzjarja, l-awtonomija tal-persunal u l-awtonomija xjentifika.

Or. en

Emenda 90

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 9 – punt i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

i) Ġenerazzjonijiet ġodda ta' riċerkaturi u xjenzjati huma kruċjali għall-qasam tar-riċerka futura fl-Ewropa. Għalhekk huwa inkoraġġit li ssir aktar promozzjoni ta' karrieri u opportunitajiet fix-xjenza u r-riċerka għal xjenzjati żgħażaġh. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-universitajiet u l-istituzzjonijiet ta' riċerka biex jistabbilixxu opportunitajiet ta' karriera aktar ċari u aktar strutturati u biex irawmu proċeduri ta' reklutaġġ trasparenti u jipprovdu kopertura xierqa tas-sigurtà soċjali lir-riċerkaturi kollha, inklużi kandidati għad-dottorat, li huma involuti f'attività ta' riċerka remunerata.

Or. en

Emenda 91

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 9 – punt ii (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

ii) L-ugwaljanza bejn il-ġeneri għandha tiġi kkunsidrata bħala element kruċjali biex jiġu promossi r-riċerka u l-innovazzjoni xjentifika, b'hekk jiġi żgurat li l-perspettivi uniċi tar-riċerkaturi nisa jkunu inkorporati f'soluzzjonijiet għad-diversi sfidi li jiġi avvanzat l-iżvilupp sostenibbli u ekwitabbli;

Or. en

Emenda 92

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 9 – punt iii (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

iii) Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandhom jiġu pprovduti b'xogħlijiet ta' kwalità u kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti, pagi deċenti, sigurtà fl-impjieg u aċċess għall-protezzjoni soċjali, postijiet tax-xogħol sikuri u ħielsa mill-periklu, inkluż bilanċ tajjeb bejn il-ħajja tal-familja u dik tax-xogħol, filwaqt li jiġu żgurati rappreżentanza minn trade union u drittijiet ta' negozjar.

Or. en

Emenda 93

Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. L-awtonomija istituzzjonali hija kuntestwali ħafna u tista' tinkiseb b'ħafna modi differenti b'kombinazzjonijiet differenti ta' awtonomija. Biex ikun hemm awtonomija istituzzjonali effettiva, m'hemmx bżonn li jiġu ssodisfati dawn l-aspetti differenti kollha tal-awtonomija istituzzjonali. Għalhekk id-definizzjoni ta' awtonomija istituzzjonali fil-proposta m'għandhiex tkun statika.

Emenda

10. L-awtonomija istituzzjonali hija kuntestwali ħafna u tista' tinkiseb b'ħafna modi differenti b'kombinazzjonijiet differenti ta' awtonomija. Biex ikun hemm awtonomija istituzzjonali effettiva, m'hemmx bżonn li jiġu ssodisfati ***b'mod uniformi*** dawn l-aspetti differenti kollha tal-awtonomija istituzzjonali. Għalhekk id-definizzjoni ta' awtonomija istituzzjonali fil-proposta m'għandhiex tkun statika, ***iżda għandha tippermetti l-adattament għal kuntesti nazzjonali, reġjonali u istituzzjonali differenti b'mod partikolari billi tippermetti li l-enfasi taqleb bejn aspetti differenti ta' awtonomija istituzzjonali billi jiġi inkorporat apprezzament gradwali minflok binarju tal-aspetti differenti.***

Or. en

Emenda 94 Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni Anness I – punt 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

10. L-awtonomija istituzzjonali hija kuntestwali ħafna u tista' tinkiseb b'ħafna modi differenti b'kombinazzjonijiet differenti ta' awtonomija. Biex ikun hemm awtonomija istituzzjonali effettiva, m'hemmx bżonn li jiġu ssodisfati dawn l-aspetti differenti kollha tal-awtonomija istituzzjonali. Għalhekk id-definizzjoni ta' awtonomija istituzzjonali fil-proposta m'għandhiex tkun statika.

Emenda

10. L-awtonomija istituzzjonali hija kuntestwali ħafna u tista' tinkiseb b'ħafna modi differenti b'kombinazzjonijiet differenti ta' awtonomija. Biex ikun hemm awtonomija istituzzjonali effettiva, m'hemmx bżonn li jiġu ssodisfati dawn l-aspetti differenti kollha tal-awtonomija istituzzjonali. ***Madankollu, irid jiġi rikonoxxut li l-indipendenza ekonomika u politika hija parti essenzjali tal-awtonomija istituzzjonali.*** Għalhekk id-definizzjoni ta' awtonomija istituzzjonali fil-proposta m'għandhiex tkun statika.

Or. en

Emenda 95
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

11. L-awtonomija istituzzjonali tista' teżisti b'mod leġittimu biss jekk l-organizzazzjoni tar-riċerka tipprovdi xi forma ta' awtogovernanza **u** parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet lir-riċerkaturi xjentifiċi tagħha.

Emenda

11. L-awtonomija istituzzjonali tista' teżisti b'mod leġittimu biss jekk l-organizzazzjoni tar-riċerka tipprovdi xi forma ta' awtogovernanza, **inkluż permezz ta'** parteċipazzjoni fit-teħid tad-deċiżjonijiet lir-riċerkaturi xjentifiċi tagħha.

Or. en

Emenda 96
Ladislav Ilčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

12. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika u li jikkontribwixxu għaliha. Dan jinkludi d-dritt li jagħmlu kummenti pubbliċi dwar it-tmexxija tal-organizzazzjoni mingħajr biża' ta' tpattija. Dan jinkludi wkoll ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li joħolqu kultura ta' dibattitu miftuħ. U jinkludi wkoll li jkun hemm fis-seħħ proċeduri effettivi biex tiġi rrapportata l-imġiba ħażina, biex jiġu protetti, f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-persuni li jirrapportaw imġiba ħażina, ksur ta' standards akkademiċi jew standards etiċi, kif ukoll proċeduri distinti, **ibbażati fuq** il-protezzjoni tal-privatezza **u l-preżunzjoni tal-innoċenza, biex tiġi**

Emenda

12. Ir-riċerkaturi xjentifiċi għandu jkollhom id-dritt li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka xjentifika u li jikkontribwixxu għaliha. Dan jinkludi d-dritt li jagħmlu kummenti pubbliċi dwar it-tmexxija tal-organizzazzjoni mingħajr biża' ta' tpattija. Dan jinkludi wkoll ir-responsabbiltà tal-organizzazzjonijiet tar-riċerka li joħolqu kultura ta' dibattitu miftuħ. U jinkludi wkoll li jkun hemm fis-seħħ proċeduri effettivi biex tiġi rrapportata l-imġiba ħażina, biex jiġu protetti, f'konformità mal-istandards stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, il-persuni li jirrapportaw imġiba ħażina, ksur ta' standards akkademiċi jew standards etiċi, kif ukoll proċeduri distinti **biex jindirizzaw imġiba ħażina. Dawn il-proċeduri għandhom jipprioritizzaw il-**

trattata l-imġiba ħażina rrapportata.

protezzjoni tal-privatezza ta' individwu u strettament jaderixxu mal-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza.

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

¹ Id-Direttiva (UE) 2019/1937 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw dwar ksur tal-liġi tal-Unjoni (ĠU L 305, 26.11.2019, p. 17).

Or. en

Emenda 97
Ladislav Ilčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

12a. L-organizzazzjonijiet xjentifiċi għandhom jistabbilixxu politiki komprensivi li jiddefinixxu l-imġiba ħażina. Huma għandhom jimplementaw ukoll proċeduri definiti minn qabel li b'mod inekwivoku jiddelinjaw id-drittijiet u l-obbligi ta' kull individwu involut, filwaqt li jiżguraw iċ-ċarezza u l-ġustizzja matul il-proċess. Dawn il-proċeduri għandhom għalhekk jiżguraw li akkużi ġenwinament ikunu bbażati fuq allegata mġiba ħażina u mhux fuq tentattivi biex jiġu mraġżna jew imsikkta s-sejbiet jew il-perspettivi xjentifiċi.

Or. en

Emenda 98
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

13. Il-korpi governattivi fl-Unjoni, fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż fil-livell tal-Unjoni, għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw, jiproteġu, jippromwovu u jiżguraw il-libertà tar-riċerka xjentifika.

13. Il-korpi governattivi fl-Unjoni, fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż fil-livell tal-Unjoni, għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw, jiproteġu, jippromwovu u jiżguraw il-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 99 **Ladislav Ilčić**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Anness I – punt 13**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

13. Il-korpi ***governattivi fl-Unjoni, fil-livelli kollha tal-gvern, inkluż fil-livell tal-Unjoni***, għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw, jiproteġu, jippromwovu u jiżguraw il-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

13. Il-korpi ***tal-Unjoni u l-istituzzjonijiet tagħha*** għandu jkollhom l-obbligu li jirrispettaw, jiproteġu, jippromwovu u jiżguraw il-libertà tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 100 **Christian Ehler**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni **Anness I – punt 14**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Ir-rispett għal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jżommu lura milli jwettqu interferenzi arbitrarji fil-libertà tar-riċerka xjentifika u milli jimponu restrizzjonijiet bla bżonn fuqha.

Emenda

14. Ir-rispett għal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jżommu lura milli jwettqu interferenzi arbitrarji fil-libertà tar-riċerka xjentifika u milli jimponu restrizzjonijiet bla bżonn fuqha, ***kif ukoll iżommu lura minn parteċipazzjoni attiva jew ta' kompliċità bi ksur tad-dritt.***

L-awtoritajiet pubbliċi għandhom ir-responsabbiltà li jinvestigaw allegat ksur u li jżommu lill-awturi tal-ksur responsabbli.

Emenda 101
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

14. Ir-rispett għal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jżommu lura milli jwettqu interferenzi arbitrariji fil-libertà tar-riċerka xjentifika u milli jimponu restrizzjonijiet bla bżonn fuqha.

Emenda

14. Ir-rispett għal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jżommu lura milli jwettqu interferenzi arbitrariji fil-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika u milli jimponu restrizzjonijiet bla bżonn fuqha, ***għajr minn dawk li jirriżultaw mir-rispett lejn il-prinċipji fundamentali minquxa fis-sistemi kostituzzjonali u d-drittijiet tal-bniedem minquxa fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.***

Or. en

Emenda 102
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi għandhom l-obbligu li jieħdu miżuri attivi biex jipproteġu kontra partijiet terzi li jinterferixxu bla bżonn ma' kwalunkwe dimensjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

15. Il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi għandhom l-obbligu li jieħdu miżuri attivi biex jipproteġu kontra partijiet terzi, ***b'mod partikolari l-lobbies privati u multinazzjonali***, li jinterferixxu bla bżonn ma' kwalunkwe dimensjoni tal-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 103
Pernille Weiss

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

15. Il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi għandhom l-obbligu li jieħdu miżuri attivi biex jiproteġu kontra partijiet terzi li jinterferixxu bla bżonn ma' kwalunkwe dimensjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

15. Il-protezzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika, ***kif inhu essenzjali għall-integrità xjentifika***, tfisser li l-korpi governattivi għandhom l-obbligu li jieħdu miżuri attivi biex jiproteġu kontra partijiet terzi li jinterferixxu bla bżonn ma' kwalunkwe dimensjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 104
Christian Ehler

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. L-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jridu jgħallu b'mod attiv il-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-aspetti kollha tal-libertà. Dan jinkludi politiki favur karrieri sostenibbli fil-qasam tar-riċerka.

Emenda

16. L-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jridu jgħallu b'mod attiv il-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-aspetti kollha tal-libertà, ***inkluża l-awtonomija istituzzjonali***. Dan jinkludi politiki favur karrieri sostenibbli fil-qasam tar-riċerka ***fl-istadji kollha tal-karriera kif ukoll finanzjament istituzzjonali fit-tul, affidabbli u stabbli***.

Or. en

Emenda 105
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

16. L-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jridu joħolqu b'mod attiv il-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-aspetti kollha tal-libertà. Dan jinkludi politiki favur karrieri sostenibbli fil-qasam tar-riċerka.

Emenda

16. L-iżgurar tal-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika jfisser li l-korpi governattivi jridu joħolqu b'mod attiv il-prekundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-eżerċizzju tal-aspetti kollha tal-libertà. Dan jinkludi politiki favur karrieri sostenibbli fil-qasam tar-riċerka.

Or. en

Emenda 106

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

17. Il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika, ***inklużi riċerkaturi mhux tal-UE li l-libertà tar-riċerka xjentifika tagħhom hija taħt theddida f'pajjiżi terzi billi jagħmlu l-UE "refuġju sikur" għal-libertà, l-integrità u l-awtonomija istituzzjonali tagħhom.***

Or. en

Emenda 107

Mikuláš Peksa

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Il-promozzjoni tal-libertà tar-

Emenda

17. Il-promozzjoni tal-libertà tar-

riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika, ***u potenzjalment għal diżimpenn minn kooperazzjoni ma' partijiet terzi li ma jkunux qed jimxu mal-istess sensiela ta' prinċipji u valuri.***

Or. en

Emenda 108
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

17. Il-promozzjoni tal-libertà tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

17. Il-promozzjoni tal-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika tfisser li l-korpi governattivi jridu jimpenjaw ruħhom b'mod attiv ma' partijiet terzi biex jippromwovu r-rispett, il-protezzjoni u l-iżgurar tal-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 109
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

18. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrifletti li l-libertà tar-riċerka xjentifika għandha titqies kemm bħala libertà negattiva (ħielsa mill-interferenzi) kif ukoll bħala libertà pożittiva (jiġi żgurat li jeżistu kundizzjonijiet ta' qafas abilitanti). ***Ir-riċerka xjentifika għandha tkun ħielsa***

Emenda

18. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrifletti li l-libertà tar-riċerka xjentifika għandha titqies kemm bħala libertà negattiva (ħielsa mill-interferenzi) kif ukoll bħala libertà pożittiva (jiġi żgurat li jeżistu kundizzjonijiet ta' qafas abilitanti). Għandu jkun hemm komunità xjentifika b'saħħitha

minn interferenza mhux dovuta min-naħa tal-gvern u għandu jkun hemm komunità xjentifika b'saħħitha kif ukoll korp ċiviku li jilqa' l-għarfien xjentifiku għall-eżerċizzju tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

kif ukoll korp ċiviku li jilqa' l-għarfien xjentifiku għall-eżerċizzju tal-libertà tar-riċerka xjentifika.

Or. en

Emenda 110

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 18 – punt i (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

i) Il-proposta leġiżlattiva għandha tipprevedi mekkaniżmu ta' solidarjetà biex jindirizza ksur tal-libertà tar-riċerka xjentifika f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE u l-pajjiżi assoċjati.

Or. en

Emenda 111

Alex Agius Saliba, Patrizia Toia, Robert Hajšel, Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Carlos Zorrinho

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Anness I – punt 18 – punt ii (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

ii) Il-proposta leġiżlattiva għandha tinkludi l-ħolqien ta' sistema ta' monitoraġġ għar-rappurtar ta' ksur tar-riċerka xjentifika ladarba dan jiġi identifikat.

Or. en

Emenda 112

Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 18a (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18a. *Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrifletti li s-sistema attwali tal-valutazzjoni u l-evalwazzjoni tar-riċerka teħtieġ riforma sabiex tiggarrantixxi d-dritt tal-libertà tar-riċerka xjentifika.*

Or. en

Emenda 113

Lina Gálvez Muñoz, Josianne Cutajar, Alex Agius Saliba

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 18b (ġdid)**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

18b. *Il-libertà tar-riċerka xjentifika tinkiseb verament biss jekk ikun hemm trasparenza ta' finanzjament. Ix-xjenza għandha responsabbiltà lejn is-soċjetà sabiex ikunu żgurati ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-pubblikazzjoni meta jiġu kondiviżi u komunikati s-sejbiet tar-riċerka dwar il-finanzjament li għamel ir-riċerka possibbli.*

Or. en

Emenda 114

Christian Ehler

**Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 19**

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrikonoxxi li **hemm każijiet fejn ir-riċerka xjentifika u l-edukazzjoni jikkoinċidu, bħal fix-xogħol ta' professur**

19. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrikonoxxi li **filwaqt li l-libertà tar-riċerka xjentifika għandha l-valur indipendenti tagħha, fi ħdan il-qafas ta'**

universitarju jew fil-ġestjoni ta' dipartiment ta' università. Minħabba l-bażi ġuridika tal-proposta, *kif ukoll* il-kompetenzi limitati ħafna tal-Unjoni biex tilleġiżla dwar l-edukazzjoni, il-proposta għandu jkollha l-għan li tipproteġi *l-libertà tar-riċerka xjentifika.*

universitajiet moderni, il-libertà tar-riċerka xjentifika hija inseparabbli mil-libertà li tgħallem. Dan ifisser li, minħabba l-bażi ġuridika tal-proposta, u l-kompetenzi ewlenin tal-Unjoni dwar ir-riċerka, u b'rispett dovut lejn il-kompetenzi limitati ħafna tal-Unjoni biex tilleġiżla dwar l-edukazzjoni, il-proposta għandu jkollha l-għan li tipproteġi *l-aktar kamp ta' applikazzjoni sħiħ possibbli ta' disseminazzjoni interna, b'mod partikolari fir-rigward tat-tagħlim.*

Or. en

Emenda 115
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

19. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrikonoxxi li hemm każijiet fejn ir-riċerka xjentifika u l-edukazzjoni jikkoinċidu, bħal fix-xogħol ta' professur universitarju jew fil-ġestjoni ta' dipartiment ta' università. Minħabba l-bażi ġuridika tal-proposta, kif ukoll il-kompetenzi limitati ħafna tal-Unjoni biex tilleġiżla dwar l-edukazzjoni, il-proposta għandu jkollha l-għan li tipproteġi l-libertà tar-riċerka xjentifika.

Emenda

19. Il-proposta leġiżlattiva għandha tirrikonoxxi li hemm każijiet fejn ir-riċerka xjentifika u l-edukazzjoni jikkoinċidu, bħal fix-xogħol ta' professur universitarju jew fil-ġestjoni ta' dipartiment ta' università. Minħabba l-bażi ġuridika tal-proposta, kif ukoll il-kompetenzi limitati ħafna tal-Unjoni biex tilleġiżla dwar l-edukazzjoni, il-proposta għandu jkollha l-għan li tipproteġi l-libertà, *l-integrità u l-indipendenza* tar-riċerka xjentifika, *speċjalment meta tikkoinċidi mat-tagħlim u l-edukazzjoni.*

Or. en

Emenda 116
Ladislav Ilčić

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 20

20. L-att propost għandu jkun legalment vinkolanti madwar l-Unjoni. Il-proposta għandu jkollha l-għan li toħloq qafas legali li joffri flessibilità suffiċjenti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi fuq bażi ta' każ b'każ u li jista' jiġi applikat fl-Unjoni kollha minkejja d-diversità kbira fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka xjentifika. U għandha toħloq punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' standards minimi legali għal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-ġurisprudenza mill-qrati Ewropej, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

20. L-att propost għandu jkun legalment vinkolanti madwar l-Unjoni. Il-proposta għandu jkollha l-għan li toħloq qafas legali li joffri flessibilità suffiċjenti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi fuq bażi ta' każ b'każ u li jista' jiġi applikat fl-Unjoni kollha minkejja d-diversità kbira fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka xjentifika. U għandha toħloq punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' standards minimi legali għal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-ġurisprudenza mill-qrati Ewropej, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. ***Il-proposta għandha tirrikonoxxi u tirrispetta li t-Trattati, il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-kostituzzjonijiet nazzjonali u l-liġijiet nazzjonali sussegwenti jistgħu jiddefinixxu l-konfini u l-parametri ta' din il-libertà biex jallinjaw ruħhom mal-valuri u l-prijoritajiet tas-soċjetà.***

Or. en

Emenda 117
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness I – punt 20

20. L-att propost għandu jkun legalment vinkolanti madwar l-Unjoni. Il-proposta għandu jkollha l-għan li toħloq qafas legali li joffri flessibilità suffiċjenti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi fuq bażi ta' każ b'każ u li jista' jiġi applikat fl-Unjoni kollha minkejja d-diversità kbira fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka xjentifika. U għandha toħloq punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' standards minimi legali għal-libertà tar-riċerka xjentifika permezz tal-

20. L-att propost għandu jkun legalment vinkolanti madwar l-Unjoni. Il-proposta għandu jkollha l-għan li toħloq qafas legali li joffri flessibilità suffiċjenti biex jiġu bbilanċjati d-drittijiet u l-obbligi fuq bażi ta' każ b'każ u li jista' jiġi applikat fl-Unjoni kollha minkejja d-diversità kbira fis-sistemi nazzjonali u reġjonali tar-riċerka xjentifika. U għandha toħloq punt tat-tluq għall-iżvilupp ta' standards minimi legali għal-libertà, ***l-integrità u l-indipendenza*** tar-riċerka

ġurisprudenza mill-qrati Ewropej, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

xjentifika permezz tal-ġurisprudenza mill-qrati Ewropej, inkluża l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Or. en

Emenda 118
Francesca Donato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Anness Ia (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

Obbligi tar-riċerkaturi xjentifiċi tal-korpi pubbliċi

L-indipendenza għandha tkun wieħed mill-valuri kruċjali għar-riċerkaturi xjentifiċi tal-korpi pubbliċi. F'dan ir-rigward, il-proposta għandha tintroduċi standards ta' trasparenza sabiex tipproteġi l-prinċipji tal-libertà u l-integrità u tiggarrantixxi l-indipendenza tax-xogħol xjentifiku mwettaq mir-riċerkaturi sabiex tevita kunflitti ta' interess li jistgħu jiggwidaw l-iskopijiet tagħhom jew jikkarakterizzaw ir-riżultati tagħhom, mingħajr ma jfixxli l-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika.

L-obbligi tar-riċerkaturi xjentifiċi għandhom tal-anqas jinkludu:

a) il-preżentazzjoni dettaljata tal-Curriculum vitae;

b) il-pubblikazzjoni ta' Dikjarazzjoni ta' Interess li formalment torbot lil kull riċerkatur xjentifiku biex jevita kwalunkwe rabta attwali diretta, indiretta jew potenzjali li x'aktarx tfixxli l-abbiltà tiegħu jew tagħha li jaġixxu b'mod imparzjali. Fejn meħtieġ, fil-każ ta' attivitajiet diġà mwettqa għal korpi pubbliċi jew privati li joperaw fl-istess qasam bħall-proġett tar-riċerka, id-Dikjarazzjoni ta' Interess għandha tindika l-qasam li twettqet l-attività fih, tikkjarifika l-interess eżatt u r-rwol tal-

korp jew l-organizzazzjoni rilevanti għal kull wieħed, filwaqt li tispeċifika r-rwol tagħhom fi ħdan dak il-korp jew organizzazzjoni. Id-Dikjarazzjoni għandha tinkludi wkoll informazzjoni li hija rilevanti biex jiġi kkalkulat l-impatt ta' kull interess fl-isfera finanzjarja;

c) il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni ta' interess annwali li taġġorna l-pożizzjoni ta' kull riċerkatur jew tikkonferma l-istatus tiegħu/tagħha;

d) projbizzjoni – ladarba l-proġett tar-riċerka jkun tlesta u għall-ħames snin ta' wara – milli jaċċettaw pożizzjonijiet jew pożizzjonijiet f'kumpaniji pubbliċi jew privati jew f'istituzzjonijiet fis-settur li fih ikunu wettqu xogħolhom, b'penali xierqa f'każ ta' ksur;

Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-obbligi tar-riċerkaturi xjentifiċi permezz tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu superviżorju sabiex tiproteġi l-konformità ta' dawn l-operazzjonijiet – permezz ta' skrinjar ex-ante biex tivvaluta l-idoneità effettiva tar-riċerkatur xjentifiku b'rabta ma' kunflitti ta' interess potenzjali - biex tidentifika kwalunkwe nuqqas u biex tiżgura li l-azzjoni tittieħed fi żmien tajjeb għalihom, mingħajr ma tfixkel il-prinċipju tal-eċċellenza xjentifika.

Or. en